TAL-PIETA`

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 20

It-Tnejn, 18 ta' Jannar, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fit-3.30 p.m.

Is-Sindku Keith Tanti ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku Keith Tanti, il-Vici Sindku Zoya Attard u l-Kunsillieri Anthony Camilleri, Josef Fitzpatrick u Mark Pisani.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 19 li saret nhar it-Tlieta, 15 ta' Dicembru, 2020, kienu approvati.

**2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

*2.1* Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

***3.1 Face masks***
Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-*face masks* kienu se jaslu matul din il-gimgha u ser ikun hemm pakkett ghal kull residenza.

**4 L-ESTIMI TAD-DHUL U L-HRUG GHAS-SENA 2021**

*4.1* Tressqu quddiem il-Kunsill, l-Estimi tad-Dhul u l-Hrug ghas sena 2021. Is-Segretarju Ezekuttiv ta spjega ta' dawn l-estimi. Il-Kunsill unanimament approva l-estimi tad-dhul u l-hrug ghas-sena 2021 (Appendici A).

*4.2* Is-Sindku informa lill-Kunsill li dwar l-€45,000 dwar il-car park tal-isptar San Luqa, kien kiteb lill-Ministeru tal-Finanzi dwar dawn minhabba li dawn ghadhom pendenti.

**5 PERFORMANCE BONUS TAL-IMPJEGATI GHAS-SENA 2020**

*5.1* Il-Kunsill unanimament approva r-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv sabiex l-impjegati Sharon Cristina, Christine Spiteri u Stefano Persiano jinghataw il-massimu tal-Performance Bonus u cioe` 6%. Il-Kunsill approva wkoll unanimament il-massimu tal-Performance Bonus u cioe` 10% tas-Segretarju Ezekuttiv.

**6 LEAVE PENDENTI MIS-SENA 2020 TAL-IMPJEGATI**

*6.1* Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien ghad fadallu 89 siegha ta' *vacation leave* mis-sena 2020 u li ma kienx utilizza. Il-Kunsill unanimament approva li dan in-numru ta' sieghat jigi akkumulat mal-*vacation leave* tas-sena 2021.

*6.2* Gew approvati wkoll 35 siegha leave pendenti tas-Sinj. Sharon Cristina u 30 siegha leave pendenti tas-Sur Stefano Persiano

## 7 KORRISPONDENZA

*7.1* Dwar Cirkulari SPI/SCI/7/2020 tad-DLG, is-Sindku informa li l-Kunsill kien se japplika flimkien mal-Kunsill ta' Ta' Xbiex sabiex jitpoggew solar bins fil-lokalita`.

## 8 MISTOQSIJIET

***8.1*** Il-Kunsiller Camilleri staqsa x'kien jonqos sabiex ix-xoghol fi Pjazza San Luqa jitlesta. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li fadal xi xoghol zghir fil-cafetteria u landscaping tal-pjazza.

***8.2*** Il-Kunsiller Pisani informa li kien hemm il-gnien tat-Torpedo Depot hafna minnu mitfi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-kuntrattur tad-dawl diga infurmat u se jkun qed jara x'inhi l-problema fl-granet li gejjin.

***8.3*** Il-Kunsiller Pisani informa li anki l-Car Park tal-Isptar kien fid-dlam. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan huwa responsabbilta` tas-sidien tal-isptar u ghalhekk kienu se jigu informati dwar dan.

## 9 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

*9.1* Is-Sindku informa li x-xoghol fuq in-nicca ta' Triq id-Duluri huwa miexi u l-Kunsill irid jara meta hu l-ahjar zmien li tigi inawgurata.

## 10 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***10.1*** Is-Sindku, ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 19. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.* (Appendici B)

## 11. TMIEM

***11.1*** Fl-4.15pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 22 ta' Frar, 2021, fl-4.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Keith Tanti
Sindku